**PARLAMENT TA' MALTA**

**Mistoqsijiet Parlamentari**

Parlament Leġiżlatura XV

Seduta Numru 7

It-Tnejn, 6 ta' Lulju, 2026 fl-4:00 p.m.

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI

### MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – ĦADDIEMA ĠODDA

**13. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tiegħu minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

22/06/2026

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex l-informazzjoni tinġabar.

Seduta Numru 7
06/07/2026

### MINISTERU GĦALL-INFRASTRUTTURA, L-IPPJANAR U X-XOGĦOL – ĦADDIEMA ĠODDA

**14. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tiegħu minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

22/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Tlabt biex l-informazzjoni tinġabar.

Seduta Numru 7
06/07/2026

### MINISTERU GĦAT-TURIŻMU – ĦADDIEMA ĠODDA

**15. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tiegħu minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

22/06/2026

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 7
06/07/2026

### MINISTERU GĦALL-MOBBILTÀ SOSTENIBBLI – ĦADDIEMA ĠODDA

**16. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tiegħu minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

22/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din l-informazzjoni għadha qed tinġabar u t-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ – ĦADDIEMA ĠODDA**

**17. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tiegħu minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

22/06/2026

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni għadha qed tinġabar

Seduta Numru 7
06/07/2026

**MINISTERU GĦALL-GVERN LOKALI U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – ĦADDIEMA ĠODDA**

**18. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il persuna ġdida daħlet taħdem fid-dekasteru tagħha minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

22/06/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt sabiex l-informazzjoni tinġabar.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**PRIĠUNIERI**

**46. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa n-numru ta' priġunieri bħalissa?

22/06/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li sa l-aħħar ta' Ġunju kien hemm 753

Seduta Numru 7
06/07/2026

**PRIĠUNIERI NISA**

**47. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa n-numru ta' priġunieri nisa bħalissa?

22/06/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li sal-aħħar ta' Ġunju kien hemm 67 priġunieri nisa.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN - PRIĠUNIERI NISA MINĦABBA PROSTITUZZJONI**

**48. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa n-numru ta' priġunieri nisa li qegħdin fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin minħabba prostituzzjoni?

22/06/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li, sa 23 ta' Ġunju 2026, ma kien hemm l-ebda priġunieri nisa fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin li nstabu ħatja ta reati relatati mal-prostituzzjoni.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**STUPRU FUQ NISA - RAPPORTI**

**49. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm rapporti ta' stupru fuq nisa matul is-sena 2025?

22/06/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba mogħtija f'mistoqsija parlamentari 35114 tal-leġislatura preċedenti.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**OMIĊIDJI**

**50. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm omiċidji bejn is-sena 2020 u l-2025? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom kienu femiċidji?

22/06/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 35115 li ngħatat fl-XIV il-leġiżlatura

Seduta Numru 7
06/07/2026

**TRAFFIKU - MIŻURI**

**51. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid x'miżuri konkreti qegħdin jittieħdu sabiex tittaffa l-problema tat-traffiku f'Malta, fid-dawl tal-fatt li skont l-indiċi tat-TomTom, it-traffiku f'Malta huwa t-tieni l-agħar fid-dinja?

22/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din it-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**SAN PAWL IL-BAĦAR - WSC - MAINS TAL-ILMA - XOGĦLIJIET**

**122. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid liema xogħlijiet huma mistennija li jitwettqu mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) fir-rigward ta' mains ġodda tal-ilma jew mains mibdula minn dawk eżistenti f'San Pawl il-Baħar, matul il-ħames snin li ġejjin?

23/06/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għaddejja bi pjan nazzjonali ta' investiment li jammonta għal €310 miljun mifrux fuq għaxar snin, li matulhom se tkun qed twettaq diversi proġetti relatati mal-infrastruttura tal-ilma u drenaġġ.
Fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar, għal dak li jirrigwarda mains tal-ilma, bħalissa qegħdin isiru jew se jinbdew xogħlijiet sa tmiem din is-sena fi Triq Cassarino, Triq it-Turisti, Triq tal-Qarbuni, Triq Erba' Mwieżeb, Triq San Pawl bypass, Triq San Ġorġ, Triq il-Katidral u Triq San Pawl.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**IL-MELLIEĦA - WSC - MAINS TAL-ILMA - XOGĦLIJIET**

**123. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid liema xogħlijiet huma mistennija li jitwettqu mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) fir-rigward ta' mains ġodda tal-ilma jew mains mibdula minn dawk eżistenti fil-Mellieħa, matul il-ħames snin li ġejjin?

23/06/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għaddejja bi pjan nazzjonali ta' investiment li jammonta għal €310 miljun mifrux fuq għaxar snin, li matulhom se tkun qed twettaq diversi proġetti relatati mal-infrastruttura tal-ilma u drenaġġ.
Fil-lokalità tal-Mellieħa, għal dak li jirrigwarda mains tal-ilma, bħalissa qegħdin isiru jew se jinbdew xogħlijiet sa tmiem din is-sena fi Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq il-Kbira, Triq il-Miżieb, Triq il-Mitħna l-Qadima, Triq l-Għargħar, Triq il-Lellux u Triq il-Fortizza.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**L-IMĠARR, MALTA - WSC - MAINS TAL-ILMA - XOGĦLIJIET**

**124. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid liema xogħlijiet huma mistennija li jitwettqu mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) fir-rigward ta' mains ġodda tal-ilma jew mains mibdula minn dawk eżistenti fl-Imġarr, Malta, matul il-ħames snin li ġejjin?

23/06/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għaddejja bi pjan nazzjonali ta' investiment li jammonta għal €310 miljun mifrux fuq għaxar snin, li matulhom se tkun qed twettaq diversi proġetti relatati mal-infrastruttura tal-ilma u drenaġġ.
Fil-lokalità tal-Imġarr (Malta), għal dak li jirrigwarda mains tal-ilma, bħalissa qegħdin isiru jew se jinbdew xogħlijiet sa tmiem din is-sena fi Triq San Martin, Triq Sir Temi Zammit, Triq il-Mosta, Triq San Filippu, Triq San Pawl, Triq iċ-Ċagħaq, Triq Sqaq Zupa u Triq San Franġisk.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**SAN PAWL IL-BAĦAR - WSC - MAINS TAD-DRENAĠĠ - XOGĦLIJIET**

**125. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid liema xogħlijiet fuq il-mains tad-drenaġġ f'San Pawl il-Baħar huma mistennija li jitwettqu mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC), matul il-ħames snin li ġejjin? Tista' tgħid ukoll f'liema toroq hu mistenni li jsir dan ix-xogħol?

23/06/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għaddejja bi pjan nazzjonali ta' investiment li jammonta għal €310 miljun mifrux fuq għaxar snin, li matulhom se tkun qed twettaq diversi proġetti relatati mal-infrastruttura tal-ilma u drenaġġ.
Fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar, għal dak li jirrigwarda mains tad-drenaġġ, bħalissa qegħdin isiru jew se jinbdew xogħlijiet sa tmiem din is-sena fi Triq il-Mosta, Triq il-Kaħli, Triq Jean de la Cassiere, Triq San Pawl, Triq Santa Marija, Triq il-Girna (Bidnija), Triq Cassarino u parti minn Triq it-Turisti.

Seduta Numru 7
06/07/2026

### IL-MELLIEĦA - WSC - MAINS TAD-DRENAĠĠ - XOGĦLIJIET

**126. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid liema xogħlijiet fuq il-mains tad-drenaġġ fil-Mellieħa huma mistennija li jitwettqu mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC), matul il-ħames snin li ġejjin? Tista' tgħid ukoll f'liema toroq hu mistenni li jsir dan ix-xogħol?

23/06/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għaddejja bi pjan nazzjonali ta' investiment li jammonta għal €310 miljun mifrux fuq għaxar snin, li matulhom se tkun qed twettaq diversi proġetti relatati mal-infrastruttura tal-ilma u drenaġġ.
Fil-lokalità tal-Mellieħa, għal dak li jirrigwarda mains tad-drenaġġ, bħalissa qegħdin isiru xogħlijiet fit-Taraġ fi Triq il-Madonna tal-Għar.

Seduta Numru 7
06/07/2026

### L-IMĠARR, MALTA - WSC - MAINS TAD-DRENAĠĠ - XOGĦLIJIET

**127. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid liema xogħlijiet fuq il-mains tad-drenaġġ fl-Imġarr, Malta huma mistennija li jitwettqu mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC), matul il-ħames snin li ġejjin? Tista' tgħid ukoll f'liema toroq huwa mistenni li jsir dan ix-xogħol?

23/06/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għaddejja bi pjan nazzjonali ta' investiment li jammonta għal €310 miljun mifrux fuq għaxar snin, li matulhom se tkun qed twettaq diversi proġetti relatati mal-infrastruttura tal-ilma u drenaġġ.
Fil-lokalità tal-Imġarr (Malta), għal dak li jirrigwarda mains tad-drenaġġ, bħalissa qegħdin isiru jew se jinbdew xogħlijiet sa tmiem din is-sena fi Triq San Pawl, Triq San Filippu u fi Triq Sir Temi Zammit.

Seduta Numru 7
06/07/2026

### ASSISTENZA FUQ SERVIZZI DIĠITALI

**140. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm persuni bbenefikaw mill-iskema tal-€500 għall-ġenituri ta' studenti tal-Year 10 u l-Year 11 biex jintefqu fuq servizzi diġitali? Jista' jgħid ukoll kemm kien hemm minnhom li għamlu użu minn din l-iskema?

23/06/2026

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**L-IMTARFA – SKOLA PRIMARJA – XOGĦLIJIET**

**141. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid għaliex ix-xogħol fuq l-Iskola Primarja tal-Imtarfa twaqqaf? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx pjanijiet biex is-sit jinbidel f'lukanda u hostel u jekk iva, kif qed jiġi ġġustifikat meta dan l-iżvilupp mhuwiex aċċettabbli għar-residenti?

23/06/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li dan is-sit kien għadda lura lill-Awtorità tal-Artijiet. Għaldaqstant għandha tagħmel din il-mistoqsija lill-Ministru konċernat. Infurmat li l-Iskola Primarja tal-Imtarfa, kienet rilokata għar-Rabat fejn l-istudenti qed jieħdu esperjenza f'faċilitajiet aħjar.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**L-IMTARFA – SKOLA PRIMARJA – BINJA**

**142. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk sarx studju tekniku dwar l-istat tal-binja tal-Iskola Primarja tal-Imtarfa biex jiġi kkonfermat jekk hijiex ikkundannata? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx pjan biex din il-proprjetà tal-komunità tal-Imtarfa tiġi restawrata?

23/06/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant tirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 141.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**L-IMTARFA – TRADE SCHOOL – TRAFFIC MANAGEMENT**

**143. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk sarx jew hux qed jiġi kkummissjonat studju ta' traffic management relatat mat-trade school fl-Imtarfa? Jekk iva, x'inhuma r-riżultati u meta se jiġu ppubblikati?

23/06/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant tirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 141.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**AKKOMODAZZJONI SOĊJALI**

**156. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx persuni li ngħataw akkomodazzjoni soċjali minkejja li għandhom proprjetà oħra reġistrata fuq isimhom jew fuq isem membri tal-familja tagħhom matul Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026?

23/06/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità ma żżommx informazzjoni dwar proprjetajiet irreġistrati fuq isem membri tal-familja tal-applikanti.
Fir-rigward tal-proprjetajiet irreġistrati fuq isem l-applikanti stess, l-applikazzjonijiet għall-akkomodazzjoni soċjali jiġu evalwati skont il-merti tagħha, kriterji u r-regolamenti fis-seħħ, li matul iż-żmien stabbilew il-limiti tal-assi u ċ-ċirkostanzi li fihom applikant jista' jkun eliġibbli.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**AKKOMODAZZJONI SOĊJALI - KAŻIJIET PENDENTI TA' APPELL**

**157. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm każijiet pendenti ta' appell relatati ma' rifjut jew allokazzjoni ta' akkomodazzjoni soċjali?

23/06/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li m'hemmx każijiet pendenti ta' appell relatati ma' rifjut ta ' allokazzjoni ta' akkomodazzjoni soċjali.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**AKKOMODAZZJONI SOĊJALI - UNITAJIET ĠODDA**

**158. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il unità ġdida ta' akkomodazzjoni soċjali mistennija tkun lesta matul is-sena 2026?

23/06/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**AKKOMODAZZJONI SOĊJALI - INFIQ**

**159. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm intefqu fondi pubbliċi fuq:
(i) xiri;
(ii) kostruzzjoni;
(iii) manutenzjoni; u
(iv) rinnovazzjoni,
ta' akkomodazzjoni soċjali matul Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026?

23/06/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni għadha qiegħda tinġabar.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**ALLOKAZZJONI TA' DJAR - AUDITS INTERNI JEW INVESTIGAZZJONIJIET**

**160. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk sarx audit intern jew investigazzjoni dwar il-proċess ta' allokazzjoni ta' djar soċjali matul Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026?

23/06/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026 ma sar ebda audit intern u ma saret ebda investigazzjoni dwar il-proċess tal-allokazzjoni ta' akkomodazzjoni soċjali.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**ALLOKAZZJONI TA' DJAR - SISTEMA**

**161. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern għandux intenzjoni jirrevedi s-sistema ta' allokazzjoni ta' djar soċjali sabiex ikun hemm aktar trasparenza, accountability u ġustizzja soċjali?

23/06/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-sistema attwali tirrifletti li tirrispetta l-bżonnijiet u l-privatezza tal-applikanti waqt li tara li jkun hemm proċessi ġusti ta' governanza fejn tidħol l-Awtorità nnifisha.
Il-Gvern f'dan il-qasam huwa kommess li joffri l-aħjar servizz possibbli liċ-ċittadin u għaldaqstant, kemm-il darba tinħass il-ħtieġa, ma jistax jiġi eskluż li fil-futur isiru l-arranġamenti li jkun hemm bżonn fuq is-sistema attwali sabiex tirrifletti l-għanjiet rispettivi.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**IL-FGURA - TRIQ ANTONIO MAURIZIO VALPERGA - PARKEĠĠ**

**184. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: B'referenza għall-proġett tal-ġnien li qed isir fi Triq Antonio Maurizio Valperga, fil-Fgura, jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li ladarba jitlesta dan il-proġett, jingħata permess lir-residenti tal-madwar biex jipparkjaw matul il-ħinijiet li fihom dan il-ġnien ikun magħluq?

23/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**IL-FGURA - TRIQ ANTONIO MAURIZIO VALPERGA – PARKEĠĠ**

**185. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għall-proġett tal-ġnien li qed isir fi Triq Antonio Maurizio Valperga, fil-Fgura, tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx il-ħsieb li ladarba jitlesta dan il-proġett, jingħata permess lir-residenti tal-madwar biex jipparkjaw matul il-ħinijiet li fihom dan il-ġnien ikun magħluq?

23/06/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** B'żieda mat-tweġiba li kont tajtha għall-mistoqsija parlamentari 32620 tal-Leġiżlatura XIV, ninforma lill-Onor. Interpellant li, ladarba jitlesta l-proġett, ir-residenti tal-madwar ikunu jistgħu jagħmlu użu mill-parkeġġ fi x'ħin iridu, anke meta l-imsemmi ġnien ikun magħluq.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**ĦADDIEMA LI GĦANDHOM 'IL FUQ MINN 75 SENA – STATISTIKA**

**415. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jipprovdi statistika tan-numru ta' individwi li għandhom 'il fuq minn 75 sena li jaħdmu, f'dawn l-aħħar ħames snin?

25/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' persuni 'l fuq minn 75 sena fid-dinja tax-xogħol żdied għal 4,377 fl-2026 minn 2,772 fl-2021. Din l-informazzjoni hija miġbura mill-formoli ta' bidu u tmiem ta' impjieg u iżjed informazzjoni dettaljata tinstab fit-tabella annessa.

| | **ĦADDIEMA LI GĦANDHOM 'IL FUQ MINN 65 SENA – STATISTIKA** | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **75+** | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** |
| | **Diċembru** | **Diċembru** | **Diċembru** | **Diċembru** | **Diċembru** | **Jannar** |
| **Total** | **2,772** | **3,143** | **3,537** | **3,973** | **4,443** | **4,377** |

*L-aħħar ċifri ppublikati huma ta' Jannar 2026

Seduta Numru 7
06/07/2026

**ĦADDIEMA LI GĦANDHOM 'IL FUQ MINN 80 SENA – STATISTIKA**

**416. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jipprovdi statistika tan-numru ta' individwi li għandhom 'il fuq minn 80 sena li jaħdmu, f'dawn l-aħħar ħames snin?

25/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' persuni ta 'l fuq minn 80 sena fid-dinja tax-xogħol żdied għal 1,694 fl-2026 minn 941 fl-2021. Din l-informazzjoni hija miġbura mill-formoli ta' bidu u tmiem ta' impjieg u iżjed informazzjoni dettaljata tinstab fit-tabella annessa.

| | **ĦADDIEMA LI GĦANDHOM 'IL FUQ MINN 65 SENA – STATISTIKA** | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **75+** | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** |
| | **Diċembru** | **Diċembru** | **Diċembru** | **Diċembru** | **Diċembru** | **Jannar** |
| **Total** | **2,772** | **3,143** | **3,537** | **3,973** | **4,443** | **4,377** |

*L-aħħar ċifri ppublikati huma ta' Jannar 2026

Seduta Numru 7
06/07/2026

**PERSUNI JIRREĠISTRAW GĦAX-XOGĦOL LI GĦANDHOM INQAS MINN 21 SENA**

**417. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni jirreġistraw għax-xogħol li għandhom inqas minn 21 sena, f'dawn l-aħħar ħames snin, maqsuma xahar b' xahar? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom kienu nisa u kemm minnhom kienu rġiel?

25/06/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** B'risposta għall-mistoqsija parlamentari 417, nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tabella li turi n-numru ta' persuni taħt -il 21 sena li kienu qed jirreġistraw għax-xogħol fuq l-ewwel u t-tieni parti tar-reġistru f'dawn l-aħħar ħames snin maqsuma xahar b'xahar u skont il-ġeneru tagħhom.

| PERSUNI JIRREĠISTRAW GĦAX-XOGĦOL LI GĦANDHOM INQAS MINN 21 SENA | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Xahar** | **Irġiel** | | | | | **Nisa** | | | | |
| | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** |
| **Jannar** | 59 | 70 | 69 | 80 | 83 | 26 | 31 | 28 | 39 | 43 |
| **Frar** | 74 | 62 | 72 | 79 | 93 | 25 | 31 | 27 | 27 | 44 |
| **Marzu** | 69 | 78 | 67 | 67 | 101 | 26 | 29 | 29 | 25 | 40 |
| **April** | 54 | 79 | 72 | 65 | 131 | 25 | 24 | 31 | 21 | 46 |
| **Mejju** | 57 | 73 | 96 | 59 | 125 | 28 | 21 | 28 | 20 | 50 |
| **Ġunju** | 56 | 63 | 95 | 51 | | 18 | 19 | 22 | 22 | |
| **Lulju** | 51 | 54 | 93 | 57 | | 22 | 22 | 20 | 29 | |
| **Awwissu** | 54 | 60 | 88 | 67 | | 32 | 25 | 26 | 24 | |
| **Settembru** | 54 | 62 | 90 | 72 | | 35 | 27 | 23 | 28 | |
| **Ottubru** | 57 | 62 | 92 | 85 | | 31 | 31 | 27 | 34 | |
| **Novembru** | 64 | 55 | 82 | 80 | | 31 | 34 | 35 | 34 | |
| **Diċembru** | 64 | 57 | 87 | 79 | | 29 | 26 | 43 | 32 | |

*L-aħħar ċifri ppubblikati huma ta' Mejju 2026

Seduta Numru 7
06/07/2026

**LOKALITAJIET FIN-NOFSINHAR TA' MALTA – INVESTIGAZZJONI MILL-ERA**

**426. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk saritx investigazzjoni mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) dwar l-irwejjaħ li kienu qed jinxtammu lejn l-aħħar ta' Mejju f'diversi lokalitajiet fin-Nofsinhar ta' Malta? Jekk iva, tista' tgħid ukoll x'kien l-eżitu ta' din l-investigazzjoni u x'azzjonijiet ittieħdu wara dan l-eżitu?

26/06/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) investigat ilmenti rigward irwejjaħ fin-Nofsinhar ta' Malta li rriżultaw minn konsenja ta' fuel partikolari li rriżultat f'irwejjaħ. L-ERA ikkoordinat mal-operaturi konċernati biex jiġu mitigati l-irwejjaħ, kif ukoll biex jiġu installati miżuri sabiex jiġu mitigati l-irwejjaħ. Fl-istess żmien, l-operaturi infurmaw lill-Awtorità li kienu qed jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni fuq is-sistema ta' ventilazzjoni.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**IL-MARSA – INĊINERATUR – TIĠDID TAL-PERMESS**

**427. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'inhu l-istatus tal-permess tal-inċineratur li jinsab fil-Marsa? Jekk jinbeda proċess għat-tiġdid ta' dan il-permess, tista' tgħid ukoll jekk hux se ssir konsultazzjoni wiesgħa mal-Kunsilli Lokali u mar-residenti kollha tal-lokalitajiet tal-madwar?

26/06/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-permess ambjentali IP 0004/07/C dwar il-faċilità tal-inċineratur operat mill-applikant huwa validu sal-31 ta' Mejju 2027. Bħalissa, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) qed tipproċessa applikazzjoni għal tiġdid ta' dan il-permess (IP 0012/24) li ġiet sottomessa f'Settembru 2024, fejn fuq din l-applikazzjoni saret konsultazzjoni pubblika fejn kulħadd seta' jissottometti l-kummenti tiegħu. Din l-applikazzjoni ġiet sospiża fuq talba tal-applikant biex l-applikazzjoni tiegħu inkonsiderazzjoni titjib fil-makkinarju li sar investiment fih. Diment li dawn it-tibdiliet ma jikkonsistux f'tibdiliet materjali, mhux meħtieġ li ssir konsultazzjoni pubblika oħra. Ta' min però jirrimarka li d-deċiżjoni fuq dawn it-tip ta' applikazzjonijiet ambjentali, IPPC, isiru fil-pubbliku fejn kwalunkwe persuna tista' tesprimi kummenti.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**RAĦAL ĠDID – TRIQ NAZZARENU – XELTER**

**428. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li wieħed mill-akbar xelters f'Raħal Ġdid, li jinsab fi Triq Nazzarenu u li kien diġà ġie skopert sentejn ilu, jiġi riabilitat u magħmul aċċessibbli għall-pubbliku f'jiem stabbiliti? Jekk iva, jista' jgħid ukoll jekk hemmx żmien stabbilit sabiex dan isir?

26/06/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat

Seduta Numru 7
06/07/2026

**JUM IDDEDIKAT GĦALL-WIRT KULTURALI MALTI**

**429. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li jiġi stabbilit jum iddedikat għall-Wirt Kulturali Malti, li matulu jsir sforz kollettiv akbar sabiex niċċelebraw dak kollu li jagħmel parti mill-wirt kulturali ta' pajjiżna? Jista' jgħid ukoll x'passi biħsiebu jieħu sabiex din l-inizjattiva titwettaq?

26/06/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Gvern jagħraf bis-sħiħ l-importanza tal-wirt kulturali Malti bħala parti essenzjali mill-identità nazzjonali u bħal ma sar fi snin preċedenti, anke permezz tal-introduzzjoni tal-Jum iddedikat lill-Innu Malti li jiġi ċċelebrat fis-27 ta' Diċembru, il-Gvern ser jibqa' impenjat li jkompli jsaħħaħ l-għarfien u l-apprezzament tiegħu fost il-pubbliku. Dan bis-saħħa ta' sensiela ta' inizjattivi identifikati fil-programm elettorali tal-Gvern.

Gvern Laburista huwa impenjat li jsaħħaħ il-benesseri taċ-ċittadini tagħna fosthom billi nħeġġu aktar involviment taċ-ċittadini fil-ħajja ċivika u l-promozzjoni tal-wirt kulturali. Għaldaqstant, il-Ministeru li jien responsabbli minnu, b'kollaborazzjoni sħiħa mal-kollegi tiegħi, se jkompli jevalwa diversi inizjattivi li jistgħu jkomplu jippromwovu u jiċċelebraw il-wirt kulturali ta' pajjiżna.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**IL-BELT VALLETTA U L-IMĠARR, GĦAWDEX – TERMINALS TAL-FAST FERRY**

**450. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid meta huwa ppjanat illi jitlesta t-terminal tal-fast ferry fil-Belt Valletta u kif wkoll jindika jekk hemmx pjanijiet sabiex isir l-investiment neċessarju fit-terminal tal-fast ferry fl-Imġarr, Għawdex?

30/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din it-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**L-IMĠARR, GĦAWDEX – TERMINAL TAL-FAST FERRY – STRUTTURA PERMANENTI**

**451. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjanijiet sabiex flok it-tined li hemm fit-terminal tal-fast ferry f'Għawdex, issir struttura permanenti li verament isservi ta' kenn fl-istaġuni kollha u jekk iva, meta se tkun lesta tali struttura?

30/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din it-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**IL-BELT VALLETTA U L-IMĠARR, GĦAWDEX – TERMINALS TAL-FAST FERRY**

**452. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid meta huwa ppjanat illi jitlesta t-terminal tal-fast ferry fil-Belt Valletta u kif ukoll jindika jekk hemmx pjanijiet sabiex isir l-investiment neċessarju fit-terminal tal-fast ferry fl-Imġarr, Għawdex?

30/06/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**L-IMĠARR, GĦAWDEX – TERMINAL TAL-FAST FERRY – STRUTTURA PERMANENTI**

**453. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjanijiet sabiex flok it-tined li hemm fit-terminal tal-fast ferry f'Għawdex, issir struttura permanenti li verament isservi ta' kenn fl-istaġuni kollha u jekk iva, meta se tkun lesta tali struttura?

30/06/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**IX-XAGĦRA U R-RABAT, GĦAWDEX – TRIQ KARKAR U TRIQ ĠDIDA FI TRIQ L-EWROPA – XOGĦLIJIET**

**454. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid meta huwa ppjanat li jibdew u jitlestew ix-xogħlijiet ta' asfaltar fi Triq Karkar, ix-Xagħra u fi triq ġdida mingħajr isem fi Triq l-Ewropa, ir-Rabat, Għawdex u kif ukoll jindika timelines speċifiċi?

30/06/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dawn ix-xogħlijiet se jsiru skont il-prijoritajiet tal-Ministeru.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**IL-FONTANA – TRIQ TAL-GĦAJN – XOGĦLIJIET**

**455. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-proċess tat-tender relatata max-xogħlijiet fi Triq tal-Għajn, il-Fontana, u jindika jekk dawn ix-xogħlijiet jinkludux ukoll l-isqaqien li jagħmlu parti minn jew li jagħtu għal din it-triq? Jekk l-imsemmija sqaqien mhumiex inklużi fil-proġett, jista' jgħid ukoll ir-raġuni għaliex dawn ġew esklużi?

30/06/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tender *CT2146/2026 - Works - Tender for the Reconstruction and Resurfacing of Triq Tal-Għajn, Fontana in an Environmentally Friendly Manner* ġie ppublikat nhar is-7 ta' Mejju 2026. Is-sottomissjonijiet għalqu nhar l-10 ta' Ġunju li għadda. Bħalissa qed jiġu evalwati s-sottomissjonijiet. Il-proġett – li huwa wieħed ħolistiku – għandu l-għan li jtejjeb l-aċċessibbiltà tat-toroq, fl-istess waqt li jagħti importanza lill-aspett l-ambjentali u lill-karatteristiċi partikolari taż-żona.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**IL-MELLIEĦA – LIBRERIJA PUBBLIKA – ARRANĠAMENTI ALTERNATTIVI**

**486. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid x'arranġamenti alternattivi ser jingħataw lill-istudenti u lir-residenti tal-Mellieħa wara l-għeluq tal-librerija pubblika fil-Mellieħa? Jista' jgħid ukoll meta dawn l-arranġamenti ser jidħlu fis-seħħ?

30/06/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpelant jirreferi il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**SAN PAWL IL-BAĦAR U L-MELLIEĦA – BYPASS – ROTOT ALTERNATTIVI**

**487. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid x'xogħlijiet, studji jew pjanijiet saru s'issa dwar rotot alternattivi mill-bypass ta' San Pawl il-Baħar lejn il-Mellieħa? Jista' jgħid ukoll meta hu ppjanat li jibdew ix-xogħlijiet relattivi?

30/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**VETTURI RREĠISTRATI F'MALTA**

**488. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn vetturi rreġistrati f'Malta, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma skont kull kategorija ta' vettura?

30/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din it-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**IS-SERVIZZ U S-SETTUR PUBBLIKU – ĦADDIEMA LI JAĦDMU B'MOD REMOT**

**489. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema fis-Servizz Pubbliku u s-Settur Pubbliku li, skont in-natura tax-xogħol tagħhom, jistgħu jaħdmu b'mod remot, u kemm minnhom diġà qegħdin jaħdmu b'mod remot? Jista' jgħid ukoll jekk dan ix-xogħol remot isirx fuq bażi full-time, part-time jew hybrid?

30/06/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**IS-SERVIZZ U S-SETTUR PUBBLIKU – ĦADDIEMA LI JAĦDMU B'MOD REMOT – KUNDIZZJONIJIET/KRITERJI**

**490. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid liema sezzjonijiet, dipartimenti, direttorati, aġenziji jew entitajiet fis-Servizz Pubbliku u fis-Settur Pubbliku għandhom ħaddiema li jaħdmu b'mod remot, kemm hemm ħaddiema f'kull waħda minnhom, u x'inhuma l-kundizzjonijiet jew kriterji applikabbli biex ħaddiem ikun jista' jaħdem b'mod remot?

30/06/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**IS-SERVIZZ U S-SETTUR PUBBLIKU – ĦADDIEMA LI MA JISTGĦUX JAĦDMU B'MOD REMOT**

**491. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid liema sezzjonijiet, dipartimenti, direttorati, aġenziji jew entitajiet fis-Servizz Pubbliku u fis-Settur Pubbliku ma jistgħux joffru xogħol remot minħabba n-natura tax-xogħol tagħhom? Jista' jipprovdi tabella li turi, għal kull sezzjoni jew entità, in-numru ta' ħaddiema assenjati, in-numru ta' ħaddiema li ma jistgħux jaħdmu b'mod remot, u r-raġuni għaliex?

30/06/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li d-dipartimenti u l-entitajiet dejjem jiġu mħeġġa biex fejn hu possibbli u fejn in-natura tax-xogħol tippermetti, l-impjegati jiġu offruti l-modern work practices.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**HERITAGE MALTA – XIRI TA' LBIESI – EUROVISION SONG CONTEST**

**497. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid jekk Heritage Malta għandhiex il-ħsieb illi tixtri lbiesi li libsu kantanti Maltin fil-Eurovision Song Contest tul is-snin biex dawn jagħmlu parti mill-kollezzjoni tan-National Textile Collection li jinsabu ġewwa l-Palazz tal-Inkwiżitur u dawk ġewwa il-mużew nazzjonali tal-Etnografija?

30/06/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** Infurmat li Heritage Malta tista' teżerċita d-dritt tagħha skont Kap 445 tal-Liġijiet ta' Malta u takkwista materji li jkunu ta' importanza u valur artistiku u kburija nazzjonali. Tant illi qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra stqarrija konġunta maħruġa mill-Malta Community Chest Fund u Heritage Malta li tispjega kif il-libsa milbusa mir-rappreżentanta ta' Malta fil-Eurovision Song Contest fl-1992 kienet akkwistata minn Heritage Malta biex issir parti mill-kollezzjoni nazzjonali tat-Tessuti fil-Palazz tal-Inkwiżitur u l-Mużew Nazzjonali tal-Etnografija. Is-sinjifikat tal-akkwist ta' din il-libsa de quo li għall-ewwel darba, Malta klassifikat fost l-aqwa tliet postijiet ta' dan il-contest. Din il-libsa ingħatat b'ġest ġeneruż minn Mary Spiteri nnifisha u l-flus offruti marru għall-kawża tal-Malta Community Chest Fund.
Ninforma lill-Onor. Interpellant li ġejt infurmat minn Heritage Malta li, fil-preżent, m'għandiex ħsieb li takkwista l-imsemmija lbiesi.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**MALTA FILM COMMISSION – ĦATRA TA' INDIVIDWU**

**498. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid x'kien il-proċess ta' għażla u ta' due diligence li sar fuq l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament qabel inħatar mal-Malta Film Commission? Jista' jgħid ukoll jekk saritx xi tip ta' verifika (vetting) dwar il-kandidat qabel il-ħatra tiegħu?

30/06/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** Nirreferi lill-Onor. Interpelant għat-tweġiba li ingħatat għall-mistoqsija 31362 fil-Leġiżlatura XIV.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**INDIVIDWU – OKKUPAZZJONI TA' KARIGA**

**499. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament għadux jokkupa xi kariga, rwol konsultattiv jew pożizzjoni, kemm imħallsa kif ukoll mhux imħallsa, fi ħdan il-Malta Film Commission jew fi kwalunkwe entità li taqa' taħt il-Ministeru tiegħu?

30/06/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** Nirreferi lill-Onor. Interpelant għat-tweġiba li ingħatat għall-mistoqsija 31362 fil-Leġiżlatura XIV.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**INDIVIDWU – KOPJA TA' KUNTRATT**

**500. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratt jew tal-ftehim li permezz tiegħu nħatar l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament, inklużi d-dettalji dwar ir-remunerazzjoni, il-benefiċċji, it-termini u t-tul tal-ħatra? Jekk dan ma jistax isir, jista' jgħid ukoll għaliex?

30/06/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** Nirreferi lill-Onor. Interpelant għat-tweġiba li ingħatat għall-mistoqsija 31362 fil-Leġiżlatura XIV.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**EUROVISION SONG CONTEST – NEFQA TOTALI**

**501. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet in-nefqa totali tal-Eurovision Song Contest ta' din is-sena? Jista' l-Ministru jagħti wkoll iċ-ċifri separatament dwar:
i. il-marketing tal-kanzunetta f'pajjiżi barranin fosthom billboards, magazines u riklamar;
ii. il-marketing tal-kanzunetta f'pajjiżna fosthom banners, billboards, magazines u riklamar;
iii. l-akkomodazzjoni u t-titjiriet tal-ajru ta' kull pajjiż li l-kantant żar qabel biex isir il-marketing tal-kanzunetta, fosthom l-Awstralja, in-Norveġja, l-Albanija, il-Bulgarija, Ċipru, il-Greċja, ir-Rumanija, l-Ingilterra, San Marino u l-Litwanja;
iv. kemm siefru persuni mal-kantant matul dawn il-vjaġġi kull darba u xi rwol kellu kull wieħed minnhom;
v. kemm telgħu persuni flimkien mal-kantant ġewwa Vjenna bħala parti mill-kontinġent u x'kien l-irwol ta' kull persuna; u
vi. kemm ġew jiswew b'kollox it-tijiriet u l-akkomodazzjoni tal-kontinġent Malti inkluż tal-kantant fi Vjenna?

30/06/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qiegħda tiġi miġbura.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**SAN VINCENZ DE PAUL – ANZJANI LI DAĦLU FL-2026**

**518. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm daħlu anzjani f'San Vincenz de Paul matul din is-sena sat-30 ta' Ġunju 2026, maqsuma xahar b'xahar?

30/06/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella ta' hawn taħt:

LTC Admissions (2026)
Jan 64
Feb 44
Mar 46
Apr 60
May 47
June 37

Intermediate Care (2026)
Jan 62
Feb 59
Mar 74
Apr 78
May 69
June 56

Psychogeriatric Care (2026)
Jan closed
Feb closed
Mar closed
Apr 8
May 5
June 7

Palliative Care (2026)
Jan 7
Feb 7
Mar 12
Apr 11
May 11
June 6

Seduta Numru 7
06/07/2026

**DJAR TAL-ANZJANI**

**519. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm daħlu anzjani fid-djar tal-anzjani taħt l-iskema tal-Gvern matul din is-sena sat-30 ta' Ġunju 2026, maqsuma xahar b'xahar?

30/06/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' anzjani li daħlu fid-djar tal-anzjani taħt l-iskema tal-Gvern matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju 2026, maqsuma xahar b'xahar, kien kif ġej:

Jannar 145
Frar 81
Marzu 90
April 117
Mejju 112
Ġunju 52

Seduta Numru 7
06/07/2026

**HOME HELP – SERVIZZI MOGĦTI FL-2026**

**520. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien in-numru ta' anzjani li ngħataw is-servizz tal-Home Help matul din is-sena sat-30 ta' Ġunju 2026, maqsuma xahar b'xahar?

30/06/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' anzjani li s-servizz tal-Home Help tagħhom ġie approvat matul l-2026 sat-30 ta' Ġunju huwa kif ġej:
Jannar 113
Frar 77
Marzu 113
April 91
Mejju 92
Ġunju 76

Seduta Numru 7
06/07/2026

**ĦRUĠ TA' GUARDIANSHIP ORDERS**

**521. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid għaliex mhux qed joħorġu guardianship orders bħalissa? Tista' tgħid ukoll meta nħarġet l-aħħar guardianship order din is-sena?

30/06/2026

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa qegħdin joħorġu ċertifikati tal-Ordnijiet ta' Kustodja (Guardianship Orders) li ġew deċiżi fl-aħħar seduta tal-Bord li seħħet fit-12 ta' Ġunju 2026. L-Ordnijiet ta' Kustodja jiġu datati skont id-data li fiha jiffirma l-Kustodju jew, fil-każ ta' aktar minn Kustodju wieħed, skont id-data li fiha jiffirma l-aħħar Kustodju, liem proċess għadu għaddej sal-lum.

Seduta Numru 7
06/07/2026

## GUARDIANSHIP BOARD – REĠISTRATUR

**522. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid min hu r-Reġistratur tal-Guardianship Board bħalissa? Jekk m'hemmx Reġistratur bħalissa, tista' tgħid x'inhi r-raġuni u jekk hux se jkun hemm Reġistratur ieħor?

30/06/2026

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-Reġistratur għadu kif ġie appuntat illum wara li ġie konkluż il-proċess ta' reklutaġġ li kien regolat b'sejħa għall-applikazzjonijiet skont il-proċeduri stabbiliti mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Seduta Numru 7
06/07/2026

## GUARDIANSHIP ORDERS – APPLIKAZZJONIJIET PENDENTI

**523. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid bħalissa kemm hemm applikazzjonijiet pendenti jistennew li jinħarġilhom guardianship order? Tista' tgħid ukoll kemm tmur lura l-aktar applikazzjoni antika pendenti?

30/06/2026

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-każ tal-applikazzjonijiet ġodda, bħalissa hemm madwar 150 applikazzjoni f'fażijiet differenti t'ipproċessar, b'34 minnhom li qegħdin jistennew appuntament għal seduta mal-Bord tal-Kustodja. L-eqdem applikazzjoni li għadha pendenti ġiet riċevuta fil-15 ta' April 2026.

Seduta Numru 7
06/07/2026

## PROĠETT TA' TĦAWWIL TAS-SIĠAR

**525. L-ONOR. ANTHONY AGIUS DECELIS** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm tqassmu siġar bejn is-snin 2025 u 2026 fil-proġett li qed isir biex f'Malta u Għawdex ikun hawn iktar siġar imħawlin? Tista' tgħid ukoll kemm fadal persuni li għad iridu jirċievu l-vouchers biex jinġabru s-siġar?

30/06/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, għalkemm l-iskema nfetħet għall-applikazzjonijiet matul is-sena 2025, il-ħruġ tal-vouchers beda din is-sena.
S'issa nħarġu total ta' 7,289 voucher, li jirrappreżentaw 42,008 siġra, lil 595 benefiċċjarju. Ninforma wkoll lill-Onor. Interpellant li l-iskema ser tibqa' miftuħa sal-2027. Għalhekk, l-applikazzjonijiet jistgħu jibqgħu jiġu sottomessi matul dan il-perjodu u huma suġġetti għall-proċess meħtieġ ta' verifika.

Seduta Numru 7
06/07/2026

## ĠONNA PUBBLIĊI – XOGĦLIJIET

**526. L-ONOR. ANTHONY AGIUS DECELIS** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il metru kwadru ta' ġonna pubbliċi sar xogħol fuqhom mill-Ministeru tagħha matul is-snin 2022, 2023, 2024, 2025 u 2026? Tista' tgħid ukoll fejn qegħdin dawn il-ġonna?

30/06/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Matul l-aħħar leġiżlatura, li tkopri l-perjodu ta' żmien indikat fil-mistoqsija, l-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, waħedhom, wettqu 75 proġett differenti mifruxin madwar il-pajjiż li flimkien ikopru total ta' 316,156 metru kwadru. Qed nagħti lista tagħhom fid-dokument li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra. Magħhom twettqu wkoll numru ta' proġetti ta' spazji miftuħa minn entitajiet li jagħmlu parti minn Ministeri oħrajn.
Il-ħidma fuq dawn il-proġetti hija maqsuma fuq tliet binarji: il-ħolqien ta' spazji miftuħa ġodda, ir-riġenerazzjoni ta' spazji li kienu mitluqin għal ħafna snin kif ukoll widien, u ż-żamma aħjar ta' spazji eżistenti. Il-proġetti jvarjaw minn dawk ta' skala nazzjonali bħal parks u proġetti ta' afforestazzjoni għal oħrajn fil-komunità, bħalma huma ġonna ġodda u proġetti oħrajn ta' tħaddir fil-lokalitajiet. Fil-każ tal-ħolqien ta' spazji miftuħa f'żoni urbani l-għan huwa li dawn jintlaħqu mill-familji fi ftit minuti mixi mid-djar tagħhom.
Apparti t-tisħiħ tal-biodiversità bit-tħawwil ta' siġar u arbuxelli kif ukoll sistemi ta' irrigazzjoni għat-tisqija tagħhom, il-proġetti fejn ikun possibbli jkunu jinkludu faċilitajiet varji bħal spazji għal picnics u rilassament, logħob għat-tfal b'materjal sostenibbli, apparat ta' taħriġ fiżiku, u art magħmula minn materjal permeabbli. Ix-xogħlijiet isiru bi prattiċi u materjal sostenibbli, filwaqt li tkun assigurata l-aċċessibbiltà għal kulħadd.
Bħalma fl-aħħar snin lestejna numru sabiħ ta' proġetti, l-istess se nibqgħu nagħmlu din is-sena u fis-snin li ġejjin. Bħalissa, mill-entitajiet li huma parti mill-Ministeru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir għaddej ix-xogħol fuq għexieren ta' proġetti oħrajn u meta ngħid għaddej ix-xogħol inkun qed nirreferi għall-fażijiet differenti; mill-mument li proġett jibda jitfassal u jiġi pjanat, għall-fażi ta' konsultazzjoni, għas-sejħiet għall-offerti u eventwalment l-implimentazzjoni.
Fil-każ ta' Project Green ninsab infurmata li din qed taħdem fuq portafoll ta' 118-il proġett differenti b'investiment maħsub ta' madwar €350 miljun, li fit-totalità tagħhom iġibu medda art ta' madwar 1.7 miljun metru kwadru - daqs ta' 240 grawnd tal-futbol. Naturalment l-implimentazzjoni ta' dawn il-proġetti kollha trid issir fuq medda ta' snin. Proġett, speċjalment dawk kbar ikollhom diversi stadji, u ladarba jgħaddu l-istadji tal-ippjanar u s-sejħiet għall-offerti, ngħaddu għall-fażi ta' implimentazzjoni.
Fost il-proġetti li diġà hemm għaddej ix-xogħol fuq is-siti tagħhom nista' nsemmi l-estensjoni tal-Park tal-Familja f'Bengħajsa (Birżebbuġa), Ġnien il-Larinġ (Ħal Lija), Park tal-Mitħna (Mqabba), Park ta' Baħar iċ-Ċagħaq (Naxxar), Ġnien iż-Żgħożija (Imtarfa), Ġnien it-Tabib Mario Tabone (Swieqi), Għaxaq Picnic Site (Ħal Għaxaq), Rainwater Harvesting Park (Għajnsielem), Park l-Inħawi (Fgura), Ġnien it-Tbissim (Naxxar), riġenerazzjoni tax-Xatt ta' Ta' Xbiex, Ġnien (Marsaxlokk), New Leaf Park (Birgu), Ġnien il-Għasel (Mellieħa), Ġnien iż-Żgħażagħ (Luqa), Ġnien Patri Ġwann Frendo (Pietà), proġett ta' riġenerazzjoni fil-qalba tal-Marsa, Masġar tal-Ġublew (Floriana), Ġonna ta' San Anton (Ħ'Attard), Fruit Garden (Mtarfa), Ta' Xwieki Sports Club (Għargħur), Żona oħra f'Wied Inċita (Ħ'Attard) u Masġar Bormla (Bormla). Hemm numru ta' proġetti oħrajn li x-xogħol fuq is-sit tagħhom qed ikun ippjanat biex jibda aktar tard u jitħabbru fil-mument opportun.

Seduta Numru 7
06/07/2026

## POSTIJIET TA' RIKREAZZJONI U SPAZJI MIFTUĦA

**527. L-ONOR. ANTHONY AGIUS DECELIS** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid liema huma l-proġetti prinċipali li permezz tagħhom ser ikun hawn iktar postijiet ta' rikreazzjoni u spazji miftuħa għall-familji u fiex wasal ix-xogħol fuqhom?

30/06/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 526.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**ĠONNA PUBBLIĊI – STATISTIKA**

**528. L-ONOR. ANTHONY AGIUS DECELIS** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk tinżammx statistika ta' kemm familji jżuru l-ġonna pubbliċi madwar Malta u Għawdex matul il-ġimgħa u fil-weekends? Tista' tgħid ukoll liema età l-aktar li jagħmlu użu minn dawn il-ġonna u jekk jintalabx feedback ta' min juża dawn il-postijiet?

30/06/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-entitajiet fi ħdan il-Ministeru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir jorganizzaw b'mod regolari diversi attivitajiet edukattivi, ambjentali u rikreattivi fil-ġonna u fl-ispazji miftuħa madwar Malta u Għawdex. Dawn jinkludu attivitajiet għall-familji, avvenimenti għat-tfal, mixjiet edukattivi u sessjonijiet ta' tagħlim dwar in-natura u l-biodiversità. F'dan ir-rigward issir ukoll kollaborazzjoni ma' diversi entitajiet, għaqdiet volontarji, kunsilli lokali u organizzazzjonijiet oħrajn li wkoll jorganizzaw attivitajiet u avvenimenti fil-ġonna u l-ispazji pubbliċi. Dawn l-avvenimenti kollha jikkontribwixxu biex aktar persuni u familji jżuru dawn il-postijiet u jagħmlu użu aktar frekwenti minnhom. Bħala eżempju nista' nsemmi li matul 14-il avveniment li kienu organizzati minn Project Green fi tmiem il-ġimgħa, f'ġonna differenti madwar Malta u Għawdex fl-aħħar disa' xhur, attendew b'kollox 21,063 persuna. Din l-attendenza, li ma tinkludix persuni li żaru l-ispazji miftuħa fi ġranet u ħinijiet fejn ma kienx hemm avvenimenti organizzati, tixhed l-interess li qed ikun hemm mill-pubbliku fil-ġonna u l-ispazji miftuħa li qegħdin noħolqu madwar il-pajjiż.

Barra minn hekk, jinżamm kuntatt kontinwu mal-komunitajiet lokali, mal-kunsilli lokali u ma' dawk kollha li jagħmlu użu minn dawn l-ispazji biex wieħed jifhem aħjar il-ħtiġijiet u l-aspettattivi tagħhom. Il-feedback li jinġabar permezz ta' dawn il-laqgħat u kuntatti regolari jintuża biex jiġu identifikati opportunitajiet għal titjib, biex il-proġetti ġodda u l-attivitajiet organizzati jkomplu joffru esperjenza ta' kwalità, ikunu aktar aċċessibbli u jkomplu jattiraw aktar viżitaturi lejn l-ispazji miftuħa.

Infakkar ukoll li matul is-sena li għaddiet nidejna l-pjattaforma diġitali www.parksinmalta.mt, li tiġbor f'post wieħed informazzjoni dwar il-parks, ġonna u l-ispazji miftuħa li hawn madwar Malta u Għawdex. Din l-inizjattiva tagħmilha aktar faċli għall-pubbliku biex jiskopri dawn il-postijiet.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**ĠONNA PUBBLIĊI – MANUTENZJONI**

**529. L-ONOR. ANTHONY AGIUS DECELIS** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm huwa l-budget ta' manutenzjoni fil-ġonna pubbliċi u x'kienet l-ispiża matul l-ewwel ħames xhur tas-sena 2026, maqsuma ġnien ġnien?

30/06/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, minħabba li r-responsabbiltà għall-ġonna pubbliċi tappartjeni lil entitajiet differenti, inklużi l-Kunsilli Lokali, m'hemmx budget wieħed ċentralizzat li jkopri l-manutenzjoni tal-ġonna pubbliċi kollha. Għal skopijiet ta' gwida, nirreferi lill-Onor. Interpellant għas-sit elettroniku www.parksinmalta.mt li fih hemm indikazzjoni ta' liema entità hija responsabbli għal kull ġnien fil-gżejjer Maltin. Fil-Ministeru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, l-entitajiet li ġeneralment jieħdu ħsieb tali manutenzjoni huma Ambjent Malta u Project Green u għal dan l-iskop jiġu vvutati fondi taħt il-vot rikorrenti 31 "Ambjent Malta", il-kontribuzzjoni allokata lill-Aġenzija Project Green, u l-Vot Kapitali XIV tal-Ministeru li jinkludi fih allokazzjonijiet speċifiċi anke għal Ambjent Malta u Project Green.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**IL-MELLIEĦA – TRIQ IĊ-ĊIRKEWWA – PROPOSTA**

**530. L-ONOR. ANTHONY AGIUS DECELIS** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jara tistax issir roundabout fi Triq iċ-Ċirkewwa fil-Mellieħa (qabel iż-żona ta' ħdejn l-istabbiliment turistiku), biex it-turisti u l-Maltin li jkunu f'dan l-istabbiliment turistiku ma jkollhomx għalfejn imorru fil-kju għall-parti li twasslek għall-moll li minnu taqbad il-vapur għal Għawdex, imma jkunu jistgħu jduru lejn il-Mellieħa mingħajr ma jkunu parti minn dan il-kju, peress li fil-festi pubbliċi u fil-ġranet tas-sajf ikun hemm numru kbir ta' karozzi li jkunu jridu jagħmlu użu mis-servizz tal-vapur u allura din il-bidla tista' tiffaċilita traffiku aħjar lil dawk li ma jkollomx għalfejn joqogħdu fit-traffiku u l-kju li jkun irid imur għall-vapur t'Għawdex?

30/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din it-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**SPECIAL ACCESS ARRANGEMENTS – STUDENTI FIL-LIVELL TAS-SEC**

**540. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid x'kien in-numru ta' studenti li bbenefikaw minn Special Access Arrangements fis-snin 2024-2026, fil-livell tas-SEC f'dawn is-suġġetti:
i. Ingliż;
ii. Malti;
iii. Matematika;
iv. Biology;
v. Physics; u
vi. Chemistry?
Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn l-istudenti ġew minn skejjel tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti?

30/06/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba ingħatatli kif qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. Ninsab infurmat li d-differenza bejn it-total ta' Tabella numru 2 meta mqabbla mal-informazzjoni provduta f'Tabella 1, huma n-numru ta' kandidati privati.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**INTENSIVE AGRICULTURAL ZONE MAPS - AĊĊESSIBBILTÀ**

**543. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 236 u jgħid jekk il-bdiewa u r-raħħala għandhomx aċċess għall-Intensive Agricultural Zone Maps? Jekk dawn mhux aċċessibbli, jista' l-Ministru jara li dawn ikunu aċċessibbli għall-bdiewa u r-raħħala bla ħlas?

01/07/2026

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-dipartiment ma għandux it-tali informazzjoni għax qatt ma nħasset il-ħtieġa u l-anqas qatt kien hemm talba mis-settur.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**NAGĦAĠ U MOGĦOŻ - IMPORTAZZJONI**

**544. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 237 u jgħid kemm ġew impurtati nagħaġ u mogħoż f'pajjiżna minn Jannar 2025 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar? Jista' jgħid ukoll:

i. minn liema pajjiż ġiet impurtata kull nagħġa u mogħża;
ii. jekk kull nagħġa u mogħża impurtata għamlitx kwarantina;
iii. kemm-il nagħġa u mogħża ġiet impurtata għat-trobbija u kemm-il nagħġa u mogħża ġiet impurtata għal-laħam; u
iv. jekk kull nagħġa u mogħża impurtata sarilhiex veterinary certificate?

01/07/2026

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-terminu "importazzjoni" qed jiġi interpretat fis-sens strett tiegħu, jiġifieri l-moviment ta' merkanzija minn pajjiżi terzi.
F'dan ir-rigward, ma kien hemm l-ebda importazzjoni.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**IS-SIĠĠIEWI – LISTA TA' TOROQ – XOGĦLIJIET**

**545. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 403 u jagħti lista ta' toroq li ser isiru fis-Siġġiewi sal-aħħar ta' din is-sena? Jista' jgħid ukoll f'liema xahar huwa pproġettat li jibdew isiru, kemm se jdum biex jitlesta kull proġett u x'tip ta' xogħol se jsir f'kull triq?

01/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa, fis-Siġġiewi, għaddej xogħol infrastrutturali fi Sqaq fi Triq il-Panoramika, Triq Mons Mikiel Azzopardi u Triq ta' Bur il-Kbir.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**ĦAL LUQA – LISTA TA' TOROQ – XOGĦLIJIET**

**546. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 404 u jagħti lista ta' toroq li ser isiru f'Ħal Luqa sal-aħħar ta' din is-sena? Jista' jgħid ukoll f'liema xahar huwa pproġettat li jibdew isiru, kemm se jdum biex jitlesta kull proġett u x'tip ta' xogħol se jsir f'kull triq?

01/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fir-raba' kwart ta' din is-sena, f'Ħal Luqa, hu ppjanat li jibda' xogħol infrastrutturali fi Triq Indri Micallef, Triq Ċensu Decandia, kif ukoll parti minn Triq il-Biedja, Ħal Farruġ.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**ĦAL QORMI – LISTA TA' TOROQ – XOGĦLIJIET**

**547. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 405 u jagħti lista ta' toroq li ser isiru f'Ħal Qormi sal-aħħar ta' din is-sena? Jista' jgħid ukoll f'liema xahar huwa pproġettat li jibdew isiru, kemm se jdum biex jitlesta kull proġett u x'tip ta' xogħol se jsir f'kull triq?

01/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa, f'Ħal Qormi, għaddej xogħol infrastrutturali fi Sqaq fi Triq tal-Ħandaq, Triq l-Isqof Scicluna u Triq il-Wied. Fit-tielet kwart ta' din is-sena ser jibda xogħol infrastrutturali fi Triq Daniel Spiteri Sacco u fir-raba' kwart ta' din is-sena hemm pjanat xogħol fi Triq Prof Carmelo Coleiro u Triq Mro Giuseppe Camilleri.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**GĦAWDEX - PORT TAL-IMĠARR - STRUTTURA TAT-TINED LI JSERVU BĦALA KENN GĦALL-PASSIĠĠIERI**

**551. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 186 li oriġinarjament saret lill-Ministru għal Għawdex u jgħid jekk l-istruttura tat-tined li sservi bħala kenn għall-passiġġieri li jużaw il-fast ferry fil-Port tal-Imġarr f'Għawdex, hijiex struttura temporanja jew struttura permanenti? Jekk hija struttura temporanja, jista' jgħid meta hemm il-ħsieb li tinbidel għal struttura permanenti li tkun aktar adegwata għall-passiġġieri li jużaw il-fast ferry kemm għall-Belt Valletta kif ukoll għal Buġibba u/jew Tas-Sliema?

01/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din it-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**IL-BELT, VALLETTA – TA' LIESSE – TERMINAL TAL-PASSIĠĠIERI – XOGĦLIJIET**

**552. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 187 u jgħid meta hu maħsub li jitlesta x-xogħol fuq it-terminal tal-passiġġieri tal-fast ferry li hemm f'Ta' Liesse fil-Belt, Valletta, wara l-ħsarat li ġarrab fil-maltempata ta' Jannar 2026? Jista' jgħid ukoll:

(i) liema xogħlijiet fadal isiru sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari;
(ii) meta huwa ppjanat li jitlestew dawn ix-xogħlijiet; u
(iii) kemm hu stmat b'kollox li ser jiġi jiswa dan ix-xogħol kollu wara l-ħsarat li ġarrab dan it-terminal?

01/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din it-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**ATT DWAR IL-KOMPETIZZJONI – ARTIKOLU 5 – INVESTIGAZZJONIJIET**

**553. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru investigazzjonijiet da parti tad-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) minħabba allegat ksur tal-artikolu 5 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni (Kap. 379) mill-2019 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll, f'kull każ, x'inhu l-istatus u għal liema settur tirrelata l-investigazzjoni?

01/07/2026

**ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni rikjesta għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**ATT DWAR IL-KOMPETIZZJONI – ARTIKOLU 9 – INVESTIGAZZJONIJIET**

**554. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru investigazzjonijiet da parti tad-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) minħabba allegat ksur tal-artikolu 9 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni (Kap. 379) mill-2019 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll, f'kull każ, x'inhu l-istatus u għal liema settur tirrelata l-investigazzjoni?

01/07/2026

**ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni rikjesta għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**IVF – L-EWWEL ATT – INTRODUZZJONI**

**559. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta ġie introdott l-ewwel Att tal-IVF f'Malta?

01/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ewwel liġi għall-Protezzjoni tal-Embrijun daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2013 bil-LN 455/2012.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**LIĠI TAL-IVF – EMENDI**

**560. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il darba ġiet emendata l-liġi tal-IVF tul is-snin u jindika s-snin li fihom saru dawn l-emendi?

01/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-liġi għall-Protezzjoni tal-Embrijun ġiet emendata darbtejn, fl-2018 u fl-2022.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**IVF – BAĠIT ALLOKAT**

**561. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm żdied il-baġit allokat għall-IVF mill-2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u jaqsam dawn iċ-ċifri maħruġa sena b'sena?

01/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella ta' hawn taħt:

In Vitro Fertilization Programme - Budget Allocations
Total
2013 €75,000 €75,000
2014 €500,000 €500,000
2015 €500,000 €500,000
2016 €600,000 €600,000
2017 €1,000,000 €1,000,000
2018 €1,600,000 €1,600,000
2019 €1,600,000 €1,600,000
2020 €1,600,000 €1,600,000
2021 €1,600,000 + €471,000 €2,071,000
2022 €2,500,000 + €680,000 €3,180,000
2023 €2,500,000 €2,500,000
2024 €7,000,000 €7,000,000
2025 €4,000,000 + €1,381,850 €5,381,850
2026 €6,700,000 €6,700,000
The initial column is the actual budget allocation. The additional amount are vire-ments to the line item towards the end of the year to further top-up the allocation due to additional expenses incurred throughout that current year.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**IVF – BENEFIĊJARJI**

**562. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il koppja jew persuni single bbenefikaw mis-servizz tal-IVF mill-2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u jaqsam dawn iċ-ċifri maħruġa sena b'sena?

01/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' ġenituri prospettivi li bbenefikaw mill-IVF żdiedu kull sena kif indikat hawn taħt.
2013 – 100
2014 – 170
2015 – 304
2016 – 273
2017 – 311
2018 – 249
2019 – 161
2020 – 214
2021 – 354
2022 – 480
2023 – 599
2024 – 768
2025 – 774
Total ta' 4757 ġenituri prospettivi

Seduta Numru 7
06/07/2026

**LIĠI TAL-IVF – EMENDI – ĊIKLI**

**563. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'inhi d-definizzjoni ta' ċiklu wara l-emendi li ddaħħlu fis-seħħ fil-liġi tal-IVF fl-2022? Jista' jgħid ukoll kemm huma permessi ċikli tal-IVF għal kull koppja jew persuna single?

01/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-definizzjoni ta' ċiklu kif emendata fl-2022 hija l-IVF/ICSI u t-trasferiment ta' kull embrijun ikkrejat f'dak iċ-ċiklu.
Biex nagħtu eżempju ġenituri prospettivi li jingħataw permess jikkrejaw sa massimu ta' tmien embrijuni f'ċiklu, l-IVF u l-possibbiltà ta' tmien embryo transfers jitqiesu bħala ċiklu wieħed.
Il-Gvern Malti joffri sa massimu ta' ħames ċikli b'xejn lill-ġenituri prospettivi irrispettivament mill-orjentazzjoni sesswali jew ġeneru tagħhom.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**IVF – TRABI MWIELDA**

**564. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm twieldu trabi permezz tal-IVF mill-2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

01/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-trabi mwielda minn proċeduri tal-IVF mill-2013 sas-sena 2025 huma kif indikat hawn taħt:
2013 – 25 tarbija
2014 - 41 tarbija
2015 – 72 tarbija
2016 - 62 tarbija
2017 - 61 tarbija
2018 – 58 tarbija
2019 – 24 tarbija
2020 - 27 tarbija
2021 – 47 tarbija
2022 - 85 tarbija
2023 – 103 tarbija
2024 – 161 tarbija
2025 – 181 tarbija mwielda u 37 oħra li se jitwieldu (still pregnant from Oct to Dec Cycles).
2026 – 74 tarbija (all still pregnant from Cycles January to June 2026).
50 tarbija oħra twieldu permezz tal-użu tal-IUI.
Total ta' trabi mwielda huwa 998, total ta' trabi li mistennija jitwieldu huwa ta' 111 u total mill-proċeduri mill-2013 sal-lum huwa ta' 1109 trabi.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**BCA – LIĠI SUSSIDJARJA 623.06 – KONTRAVENZJONIJIET**

**573. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm ħarġu ċitazzjonijiet mill-Awtorità għall-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) għal kontravenzjonijiet li jaqgħu taħt il-Liġi Sussidjarja 623.06, minn Jannar 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

01/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn Jannar 2022 sal-aħħar ta' Ġunju 2026, inħarġu 1,122 ċitazzjoni għal kontravenzjonijiet li jaqgħu taħt il-Liġi Sussidjarja 623.06.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**BCA – LIĠI SUSSIDJARJA 623.08 – KONTRAVENZJONIJIET**

**574. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm ħarġu ċitazzjonijiet mill-Awtorità għall-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) għal kontravenzjonijiet li jaqgħu taħt il-Liġi Sussidjarja 623.08, minn Jannar 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

01/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn Jannar 2022 sal-aħħar ta' Ġunju 2026, inħarġu 882 ċitazzjoni għal kontravenzjonijiet li jaqgħu taħt il-Liġi Sussidjarja 623.08.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**RAS ĦANŻIR – IMPJANT TAL-FUEL – ĠRANET LI KIEN MAGĦLUQ**

**575. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid f'liema ġranet, bejn April u Ġunju, kien magħluq l-impjant tal-fuel ta' Ras Ħanżir u r-raġuni għal dan?

01/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-installazzjoni ta' Ras Ħanżir kienet magħluqa bejn l-Erbgħa, 27 ta' Mejju, u l-Ħadd, 31 ta' Mejju, kif ukoll bejn il-Ġimgħa, 5 ta' Ġunju, u l-Ħadd, 7 ta' Ġunju. Iż-żewġ perjodi ta' għeluq kienu meħtieġa minħabba manutenzjoni biex jitwettqu l-interventi neċessarji fuq is-sistema tal-ventilazzjoni.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**QTUGĦ TA' DAWL**

**576. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid fejn kien hemm qtugħ ta' dawl madwar Malta u Għawdex bejn l-1 ta' April 2026 u l-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, u għal kull istanza tgħid kemm dam il-qtugħ tas-servizz u x'kienet il-kawża tiegħu?

01/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-qtugħ fil-provvista kien minħabba ħsarat lokalizzati li jinqalgħu minn żmien għal żmien, jew sospensjonijiet tas-servizz pjanati biex issir manutenzjoni li tkun meħtieġa perjodikament u li jitħabbru minn qabel. F'kull każ, l-Enemalta tagħmel l-almu kollu biex is-servizz jerġa' lura għan-normal fl-inqas ħin possibbli.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**RAĦAL ĠDID – TRIQ TAL-BORG U T-TOROQ TAL-MADWAR – RAPPORTI TA' QTUGĦ TA' DAWL/VULTAĠĠ ĦAŻIN**

**577. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk kienx hemm żieda ta' rapporti ta' qtugħ ta' dawl jew ta' vultaġġ ħażin fi Triq tal-Borg, f'Raħal Ġdid, u t-toroq tal-madwar minn Settembru 2025 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jekk fl-affermattiv, tista' tgħid ukoll x'qed isir biex tiġi indirizzata din il-problema?

01/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li t-triq imsemmija tieħu d-dawl minn 2 low voltage feeders separati. Infurmata wkoll li fil-perjodu indikat fil-mistoqsija ma kien hemm l-ebda ħsara reġistrata, imma kien hemm tliet okkażjonijiet fejn kellu jsir xogħol ta' manutenzjoni li kien ippjanat u l-konsumaturi ġew notifikati minn qabel.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**SKEJJEL - SISTEMI TA' ARJA KUNDIZZJONATA FIL-KLASSIJIET U STAFF ROOMS**

**578. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 31 dwar l-iskejjel li fihom jew ma fihomx sistemi tal-arja kkundizzjonata installati fil-klassijiet u fl-istaff rooms kollha tagħhom, jista' l-Ministru jgħid liema huma dawk it-32 skola li għandhom sistema tal-arja kkundizzjonata f'kull klassi u staff room?

01/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**SEJĦA GĦAL SENIOR TEACHERS**

**579. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 29, fejn intqal li "s-sejħa għal Senior Teachers ħarġet fl-aħħar ġimgħat", jista' l-Ministru jgħid għaliex din is-sejħa nħarġet issa u mhux sentejn ilu, kif kien imwiegħed fil-ftehim kollettiv?

01/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li s-sejħa kienet riżultat ta' ħafna diskussjonijiet bejn il-partijiet konċernati. Ukoll infurmat li din tkun applikabbli mid-data tal-bidu tal-ftehim.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**EPIPENS**

**662. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk l-Epipens li kellhom ikunu 'available' għat-tfal u l-kbar minn ftit xhur ilu, humiex out of stock? Jista' jgħid ukoll f'liema ġranet f'Mejju u Ġunju kienu out of stock?

01/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm stokk disponibbli ta' adrenaline auto-injector pre-filled pens kemm għall-adulti kif ukoll għat-tfal. Minn mindu ġew introdotti l-adrenaline auto-injectors, l-ebda wieħed minn dawn l-auto-injectors qatt ma kien nieqes mill-istokk tas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), u d-dipartimenti involuti ġew fornuti bl-istokk kif meħtieġ fix-xahrejn imsemmija.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**FLORIANA – ĊENTRU TAS-SAĦĦA – REFURBISHMENT**

**663. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hemmx pjan biex isir refurbishment taċ-Ċentru tas-Saħħa fil-Furjana u meta se jsir dan?

01/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li hemm pjan sabiex is-servizzi li bħalissa jingħataw miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana jiġu rilokati fiċ-Ċentru ta' Boffa, wara li dan jiġi rranġat u refurbished sabiex ikun jista' jilqa' dawn is-servizzi. Infurmat li dan il-proċess diġà beda.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**MEDIĊINI OUT OF STOCK**

**664. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'mediċini kienu out of stock f'xi ġranet fix-xhur ta' Mejju u Ġunju?

01/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hi pubblika. Screenshot tas-sit elettroniku qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**SAĦĦA PUBBLIKA – INFERMIERA – TRANSFERS – WAITING LIST**

**665. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hi l-waiting list għal transfers ta' infermiera minn post tax-xogħol għall-ieħor fis-settur tas-saħħa pubblika?

01/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**SAĦĦA PUBBLIKA – TRANSFERS TA' STAFF**

**666. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm saru transfers ta' staff f'Mejju u Ġunju 2026 fis-settur tas-saħħa pubblika?

01/07/2026
**ONOR. IAN BORG:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**DJAR TAL-ANZJANI – WAITING LIST**

**667. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hi l-waiting list ta' anzjani li qed jistennew biex jidħlu ġo dar tal-anzjani?

01/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm 1,666 anzjan li applika u qed jistenna biex jidħol f'dar tal-anzjani f'Malta, filwaqt li hemm 89 individwu li qed jistenna biex jidħol San Vinċenz de Paul.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**IN-NAXXAR - PA/04595/26 - PJANIJIET**

**669. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid u jispeċifika x'inhuma l-pjanijiet għall-applikazzjoni PA/04595/26 - Middle School, It-Telgħa tal-Għaqba, Triq Giuseppe Stivala, Triq il-Forġa, Naxxar, Triq Giorgio Locano, Iklin u jagħti d-dettalji ta' dawn il-pjanijiet?

01/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-applikazzjoni hija pendenti quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar u tinkludi proposta ta' żarmar ta' parti mill-ħajt tal-konfini u fetħa b'gate bħala faċilità anċillari li taqdi ċ-ċentru edukattiv.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**IN-NAXXAR - HIGHER SECONDARY - HOARDING WALL**

**670. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux ser jitneħħa l-hoarding wall li hemm jostakola d-daħla tal-Higher Secondary fin-Naxxar, x'inhuma l-pjanijiet biex jitneħħa u meta ser jitneħħa?

01/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li fl-iskola msemmija, il-ħajt tal-ilqugħ hu meħtieġ hekk kif qed jitwettaq proġett ta' bini ta' grawnd tal-futbol, kif ukoll parkeġġ taħt l-art u faċilitajiet oħrajn. Permezz ta' dan il-proġett qed partijiet mill-kampus qed isiru wkoll żoni pedonali.
Il-ħajt se jitneħħa meta jitlesta l-proġett skont l-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għall-offerti CT 2118/2025.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**BIRŻEBBUĠA - TREJQA QRIB ID-DAR TA' PULTU - KONKOS**

**671. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Awtorità kkonċernata approvatx li jingħata l-konkos fi trejqa qrib id-Dar ta' Pultu fil-limiti ta' Birżebbuġa? F'każ li dan ma ġiex approvat, jista' jgħid x'azzjoni ser tittieħed u sa meta?

01/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**BIRŻEBBUĠA - TREJQA QRIB ID-DAR TA' PULTU - KONKOS**

**672. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Awtorità kkonċernata approvatx li jingħata l-konkos fi trejqa qrib id-Dar ta' Pultu fil-limiti ta' Birżebbuġa? F'każ li dan ma ġiex approvat, jista' jgħid x'azzjoni ser tittieħed u sa meta?

01/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**BIRŻEBBUĠA - TRIQ IL-BAJJA S-SABIĦA**

**673. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk kienx hemm ilmenti dwar id-disinn u/jew dwar ix-xogħlijiet tal-bankina l-ġdida li saret fi Triq il-Bajja s-Sabiħa f'Birżebbuġa u jekk iva, x'azzjoni ser tittieħed u sa meta?

01/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ma rċeviet ebda lment dwar il-bankina li qed issir referenza għaliha.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**PERSUNI LI MA KINUX ĊITTADINI MALTIN - PROPRJETAJIET MIXTRIJA**

**674. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il proprjetà f'Malta u f'Għawdex inxtrat minn persuni li ma kinux ċittadini Maltin fil-mument li sar il-kuntratt matul l-2024?

01/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**BIRŻEBBUĠA - KAPPELLA TAS-SAGRA FAMILJA**

**675. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid f'liema stadju jinsab il-proġett relatat mal-Kappella tas-Sagra Familja, f'Birżebbuġa u meta huwa ppjanat li jkun lest kompletament?

01/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ġejt infurmata li wara li l-kuntratt għal dan il-proġett ingħata, ix-xogħlijiet huma maqsuma f'fażijiet u mistennija li jieħdu numru ta' ġimgħat. Il-proġett huwa mistenni jitlesta sa Ġunju 2027.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**ĦAL SAFI - ĊENTRU PARROKKJALI**

**676. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid f'liema stadju jinsab il-proġett relatat maċ-Ċentru Parrokkjali, f'Ħal Safi? Tista' tgħid ukoll:
i. x'inhuma x-xogħlijiet li saru sa issa u kemm ġew jiswew;
ii. x'inhuma x-xogħlijiet li għadhom iridu jsiru u kemm huwa proġettat li ser jiġu jiswew; u
iii. meta huwa ppjanat li l-proġett ikun lest kompletament?

01/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**PROĠETT TAL-PJAZZA TA' BUĠIBBA**

**677. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 399 u jagħti break down dettaljat tal-ispiża ta' €10.6 miljun li ġie jiswa l-proġett tal-pjazza ta' Buġibba?

01/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Filwaqt li ngħarraf lill-Onor. Interpellant li l-investiment fuq ix-xogħlijiet li saru fiż-żona tal-pjazza ta' Buġibba, Triq Sant' Antnin, Triq il-Bajja (Triq il-Pijunieri) u Dawret il-Gżejjer ammontaw għal €10,246,030.35c, ninfurmah ukoll li f' dan il-proġett saru xogħlijiet:
- taħt l-art għall-infrastruttura ġdida, li nkludew, tibdil ta' servizzi – drenaġġ, ilma, elettriku u telekommunikazzjoni, walkthrough service culvert li fih qed jieħu s-servizzi msemmija, sistema ta' ġbir tal-ilma tax-xita, inkluż ġibjun taħt il-pjazza, sistema ta' silt traps għat-tindif tal-ilma, balance tank u pompi għall-funtana u sistema ta' tisqija (irrigation).
- mal-promenade tneħħiet l-istruttura eżistenti sa fuq is-soqfa tal-boathouses, biex inbniet struttura ġdida, bażi u kolonni ġodda biex inbniet il-gallarija, u bankini u triq mill-ġdid.
- fuq il-wiċċ ġdid tal-pjazza u toroq tal-madwar kif ukoll bankini ġodda bil-porfido.
- ta' għamara ġdida li tinkludi bankijiet fil-pjazza, t-toroq u l-promenade, siġar u pjanti kif ukoll sistema ta' dawl ġdida, arbli ġodda fuq il-promenade, pjazza u toroq imsemmija, bollard luminaries, planter luminaries, ventilation grills u tree grills (fi Triq Sant' Antnin u Triq il-Pijunieri/Bajja, funtana, u timber decking madwar l-area fil-pjazza, bike racks, bins, u tliet shading canopies.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI**

**682. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Jista' jgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

01/07/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI**

**683. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Jista' jgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

01/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI U L-ARTIJIET – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI**

**684. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Jista' jgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

01/07/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U L-FAMILJA – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI**

**685. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Jista' jgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

01/07/2026

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar u tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U L-PROVVISTA TAL-IKEL – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI**

**686. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Jista' jgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

01/07/2026

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IT-TEKNOLOĠIJA U PROĠETTI STRATEĠIĊI – ENTITAJIET PUBBLIĊI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI**

**687. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il entità pubblika qed tuża sistema jew sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fil-preżent u għal liema funzjonijiet qed jintużaw dawn is-sistemi? Jista' jgħid ukoll liem sistemi qed jintużaw rispettivament għal kull entità?

01/07/2026

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nirreferi lil Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 682.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**UFFIĊĊJU TAL-KUMMISSARJU GĦAS-SAĦĦA MENTALI – RAPPORTI ANNWALI**

**808. L-ONOR. NORMA CAMILLERI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jipprovdi r-rapport annwali tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għas-Saħħa Mentali għas-snin 2024 u 2025 u jqiegħed kopja tal-istess rapporti fuq il-Mejda tal-Kamra?

02/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-Kummissarju għall-Promozzjoni tad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżordni Mentali se jgħaddili r-rapport annwali ta' ħidma tal-uffiċċju tiegħu għas-sena 2024 fi żmien ħmistax oħra. Ix-xogħol fuq ir-rapport ta' ħidma għas-sena 2025 għadu għaddej minħabba analiżi tad-data tal-pazjenti kollha li rċievew il-kura b'mod involontarju.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**PERSUNI TAĦT IT-TMINTAX-IL SENA REĠISTRATI STATELESS**

**809. L-ONOR. NORMA CAMILLERI** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jagħti ċ-ċifri ta' kemm kien hawn persuni taħt it-tmintax-il sena li kienu reġistrati stateless sal-aħħar tas-sena 2025?

02/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li mis-sena 2013 sal-lum kien hemm 42 persuna li fl-applikazzjoni taċ-ċittadinanza tagħhom iddikjaraw li huma stateless. Minn dawn 40 persuna kienu taħt it-18 -il sena u tnejn kienu adulti.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**PERSUNI ADULTI REĠISTRATI STATELESS**

**810. L-ONOR. NORMA CAMILLERI** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jagħti ċ-ċifri ta' kemm kien hawn persuni adulti li kienu reġistrati stateless sal-aħħar tas-sena 2025?

02/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant tirreferi għall-mistoqsija parlamentari 809.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**IS-SIĠĠIEWI – PROĠETT TA' GĦAR LAPSI**

**828. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tagħti dettalji tal-fażijiet u timeframes tal-proġett ta' Għar Lapsi, fis-Siġġiewi, wara l-maltempata Harry u tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-pjanti, kemm ta' disinn u kemm strutturali, ta' dan il-proġett?

02/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett għar-riġenerazzjoni ta' Għar Lapsi huwa maqsum fi tliet fażijiet. Dawn il-fażijiet huma indikati fuq il-pjanta 'Għar Lapsi – Phases of Work' li kopja tagħha qed titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

L-ewwel fażi tinkludi t-tiswija tar-rampa u l-bini ta' turġien, kif ukoll il-bini mill-ġdid ta' jetty għall-għawwiema. Ix-xogħlijiet qed isiru mill-ħaddiema tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, li bħalissa bdew jagħtu l-aħħar saff ta' konkos tul ir-rampa u jibnu taraġ li jagħti aċċess għall-bajja.

It-tieni fażi tinkludi l-bini mill-ġdid tal-iskall għall-bajja magħrufa bħala Għar Miżun, kif ukoll it-tqegħid ta' blat tal-qawwi (li ser jittella' mill-istess bajja) sabiex joffri protezzjoni mill-mewġ lil dan l-iskall. Ix-xogħlijiet fuq din il-fażi mistennija jibdew f'nofs Lulju u jieħdu erbgħa u tletin ġimgħa.

It-tielet fażi tikkonsisti f'interventi ta' konsolidament tal-irdum, li parti kbira minnu ġġarraf kemm waqt kif ukoll wara l-maltempata Harry. Fir-rigward ta' din il-fażi, id-Dipartiment qed jaħdem ma' konsulenti ġeotekniċi, li qed iħejju fid-dettall diversi interventi u pjanti meħtieġa għall-konsolidament ta' dan l-irdum, sabiex tittejjeb s-sigurtà tan-nies li jiffrekwentaw din il-bajja. Hekk kif dawn il-pjanti jkunu lesti, jinbeda l-proċess ta' xiri għax-xogħlijiet meħtieġa.

Qiegħda nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjanti relatati mal-ewwel u mat-tieni fażi tal-proġett.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**IS-SIĠĠIEWI – PROĠETT TA' GĦAR LAPSI – SPIŻA**

**829. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tagħti dettalji tal-ispiża tal-proġett ta' Għar Lapsi, fis-Siġġiewi, wara l-maltempata Harry u tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-Bill of Quantities ta' dan il-proġett?

02/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**IS-SIĠĠIEWI – TRIQ BUR IL-KBIR – PROĠETT**

**830. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti dettalji tal-fażijiet u timeframes tal-proġett li għaddej preżentement minn Infrastructure Malta fi Triq ta' Bur il-Kbir, fis-Siġġiewi u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-pjanti ta' dan il-proġett?

02/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tingħabar.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**IS-SIĠĠIEWI – TRIQ L-IMQABBA – XOGĦLIJIET**

**831. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti dettalji (timeframes, fażijiet u data tal-bidu tax-xogħlijiet) dwar il-proġett ta' twessiegħ parzjali minn Infrastructure Malta fi Triq l-Imqabba (magħrufa bħala Ta' Kandja) fil-limiti tas-Siġġiewi, meta ser jibda x-xogħol u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-pjanti ta' dan il-proġett?

02/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tingħabar.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**IS-SIĠĠIEWI – TRIQ BLAT IL-QAMAR – XOGĦLIJIET**

**832. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti data dwar meta ser jibda x-xogħol ta' rikostruzzjoni mill-ġdid minn Infrastructure Malta, ta' Triq Blat il-Qamar, fis-Siġġiewi u kemm huwa indikat li se jdum dan il-proġett?

02/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tingħabar.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**ĦAL QORMI – TRIQ ĠUŻÈ DUCA, TRIQ MANWEL DIMECH U TRIQ ĦAL LUQA – PROBLEMA TAT-TRAFFIKU**

**833. L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti dettalji u pjanijiet dwar kif ser tissolva l-problema ta' traffiku fil-junction magħrufa bħala tal-Imgħallaq u ċjoè; Triq Ġużè Duca, Triq Manwel Dimech u Triq Ħal Luqa, f'Ħal Qormi?

02/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tingħabar.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**OHSA – SETTUR TAL-VOLONTARJAT – IMPLIMENTAZZJONIJIET**

**870. L-ONOR. MARIAH MELI** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid xi pjanijiet hemm biex isiru l-implimentazzjonijiet t'għajnuna lis-settur tal-volontarjat mill-Awtorità tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (OHSA)?

02/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant, li l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol qed tipprovdi taħriġ bażiku b'xejn dwar is-saħħa u s-sigurtà lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi u lill-organizzazzjonijiet volontarji. Dan it-taħriġ għandu l-għan li jqajjem aktar għarfien dwar kif dawn l-organizzazzjonijiet jistgħu jimmaniġġjaw is-saħħa u s-sigurtà fl-attivitajiet varji tagħhom. Fil-futur, l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol se tkun qed toħroġ ukoll linji gwidi immirrati għal dawn l-organizzazzjonijiet.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**TAL-PIETÀ, TA' XBIEX, SAN ĠWANN, TA' GIORNI U L-IMSIDA – AKKOMODAZZJONIJIET SOĊJALI – INVESTIMENT**

**871. L-ONOR. MARIAH MELI** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid x'investiment sar u x'hemm ippjanat li jsir fl-akkomodazzjoni soċjali f'Tal-Pietà, f'Ta' Xbiex, f'San Ġwann, f'Ta' Giorni u fl-Imsida?

02/07/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, fir-rigward tal-programm ta' tisbiħ u manutenzjoni fl-akkomodazzjoni soċjali fil-lokalitajiet imsemmija, sar dan l-investiment:
- Ta' Xbiex – investiment stmat ta' €762,021 fuq 11-il blokk; (2026)
- San Ġwann – investiment stmat ta' €3,262,545 fuq 61 blokk; (2018, 2019, 2021, 2023, 2025)
- Ta' Giorni, San Ġiljan – investiment stmat ta' €521,221 fuq 14-il blokk; (2020, 2024)
- Tal-Pietà – Qed jiġu ppjanati għal programm ta' Embellishment fil-futur qrib.
- L-Imsida – il-blokok f'din il-lokalità inbnew relattivament reċentement u, għalissa, m'hemmx ippjanat li jsir tisbiħ u manutenzjoni.

Ninforma wkoll lill-Onor. Interpellant li l-programm ta' tisbiħ għas-sena 2027 għadu qed jiġi mfassal.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**SKEMI TAL-AKKOMODAZZJONI AFFORDABBLI**

**872. L-ONOR. MARIAH MELI** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid liema skemi tal-akkomodazzjoni affordabbli qed jibbenefikaw l-aktar minnhom koppji żgħażagħ u familji residenti u x'inhi n-nefqa?

02/07/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-għan tal-Gvern huwa li jkompli joffri sostenn konkret lill-koppji żgħażagħ u lill-familji, sabiex jiffaċilita l-aċċess tagħhom għall-akkomodazzjoni adegwata u affordabbli. Permezz tal-iskemi tal-Awtorità tad-Djar, matul l-2025 ingħata appoġġ lil aktar minn 15,213-il familja.
L-ewlenin fost l-iskemi ta' akkomodazzjoni affordabbli huma l-First Time Buyers Scheme (FTB), id-Deposit Guarantee Scheme (DPS), l-Equity Sharing Scheme (ESS), il-Housing Benefit Scheme (HBS), il-Benefiċċju tal-Kera għall-Proprjetajiet ta' qabel l-1995 (SKP), u l-Grant of First Residence (GFR).
Fir-rigward tal-eliġibbiltà, id-Deposit Guarantee Scheme (DPS) hija mmirata speċifikament għal persuni bejn il-21 u d-39 sena, filwaqt li l-Equity Sharing Scheme (ESS) hija miftuħa għal persuni ta' 25 sena jew aktar. Min-naħa l-oħra, il-First Time Buyers Scheme (FTB) u l-Grant of First Residence (GFR) huma maħsuba għal individwi u familji li jixtru l-ewwel proprjetà tagħhom, li fil-maġġoranza tagħhom huma koppji u persuni żgħażagħ.

| | Beneficiaries in 2025 | € |
|---|---|---|
| *First-Time Buyer Scheme (FTB)* | 7,213 | €6,820,000 |
| *Deposit Payment Scheme (DPS)* | 57 | €2,068,849 |
| *Equity Sharing Scheme (ESS)* | 80 | €4,334,304 |
| *Rent Subsidy Scheme Pre1995 (SKP)* | 2,002 | €10,662,258 |
| *Housing Benefit Scheme (HBS)* | 3,893 | €10,163,302 |
| *Grant on First-Residence (GFR)* | 327 | €1,016,476 |

Seduta Numru 7
06/07/2026

**SAĦĦA MENTALI – GĦARFIEN U 'LIFE SKILLS'**

**873. L-ONOR. MARIAH MELI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid xi pjanijiet għandu l-Ministeru tas-Saħħa biex isaħħaħ l-għarfien u l-'life skills' fir-rigward tas-saħħa mentali fil-ħajja ta' kuljum, speċjalment minn żmien bikri tal-ħajja tal-individwi?

02/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għas-Saħħa qed ikompli jimplimenta miżuri konkreti, allinjati mal-Istrateġija Nazzjonali tas-Saħħa Mentali, biex jissaħħu l-promozzjoni tas-saħħa mentali, l-iżvilupp tal-life skills u r-reżiljenza, b'enfasi fuq prevenzjoni u intervent bikri.
Fost oħrajn, is-servizz għas-saħħa mentali joffru screening mentali perinatali għall-ommijiet u s-sieħba tagħhom, li jkompli fl-ewwel snin tat-tarbija permezz ta' professjonisti tas-Saħħa Mentali. Dan jippermetti identifikazzjoni bikrija u appoġġ kliniku fejn meħtieġ.
Fuq livell edukattiv, il-programm Mental Health First Aid qed jiġi implimentat b'mod sistematiku fid-disa' sena u fost l-edukaturi f'kull tip ta' skola. Il-korsijiet qed jiġu estiżi wkoll permezz tal-Kunsilli Lokali sabiex jiżdied l-aċċess tal-komunità għal għarfien u ħiliet essenzjali.
Fil-futur qarib ser jiġi ffirmat Memorandum of Understanding 'Maximize Mental Health and Well-being and Build Resilience in Children' bejn il-Ministeru għas-Saħħa u l-Ministeru għall-Edukazzjoni, li jsaħħaħ il-promozzjoni tas-saħħa mentali fit-tfal permezz ta' programmi ta' għarfien, intervent bikri u attivitajiet ta' reżiljenza, kif ukoll permezz ta' kollaborazzjoni aktar strutturata bejn is-servizzi tas-saħħa mentali u l-iskejjel.
Barra minn hekk, beda l-proċess biex jinfetħu tliet Ċentri Reġjonali ġodda għas-Saħħa Mentali, li se jkunu ċentri integrati ta' kura multidixxiplinarja qrib il-komunità, sabiex jissaħħu l-aċċessibbiltà, il-kontinwità u l-koordinazzjoni tas-servizzi tul il-ħajja.
Dawn il-miżuri jikkonfermaw l-impenn tal-Gvern li jkompli jsaħħaħ il-prevenzjoni, l-għarfien u r-reżiljenza mentali b'mod konsistenti u sostenibbli.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**SAĦĦA MENTALI – KURA FIL-KOMUNITAJIET**

**874. L-ONOR. MARIAH MELI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kif ser tissaħħaħ il-kura fil-komunità fir-rigward tas-saħħa mentali biex tkun eqreb aktar lejn iċ-ċittadin?

02/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għas-Saħħa qed ikompli jsaħħaħ il-kura tas-saħħa mentali fil-komunità bħala parti mill-viżjoni li joffri servizzi aktar aċċessibbli, integrati u ffukati fuq il-ħtiġijiet tal-individwu, qrib il-post fejn jgħix.
F'dan il-kuntest, beda l-proċess biex jinfetħu tliet Ċentri Reġjonali ġodda għas-Saħħa Mentali, li se jkunu ċentri integrati ta' kura multidixxiplinarja qrib il-komunità. Dawn se joffru valutazzjoni, trattament, intervent bikri, segwitu kliniku u appoġġ terapewtiku, sabiex il-persuni jirċievu l-kura meħtieġa f'waqtha u kemm jista' jkun qrib ta' darhom. Fl-istess waqt, il-Ministeru qed ikompli jsaħħaħ il-koordinazzjoni bejn is-servizzi tas-saħħa mentali, il-kura primarja, is-servizzi soċjali u entitajiet oħra relevanti, biex il-kura tkun aktar integrata, kontinwa u ċċentrata fuq il-persuna.
Dawn il-miżuri jiffurmaw parti minn strateġija nazzjonali li tnaqqas id-dipendenza fuq il-kura istituzzjonali, tippromwovi intervent bikri u rkupru fil-komunità, u tagħmel is-servizzi tas-saħħa mentali aktar aċċessibbli, effettivi u qrib iċ-ċittadin.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**KLABBS TAL-WATERPOLO – GĦAJNUNIET**

**875. L-ONOR. MARIAH MELI** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-għajnuniet li qed jingħataw lill-klabbs tal-waterpolo biex dan is-settur ikompli jissaħħaħ kemm nazzjonalment, u anke joffri aktar opportunitajiet ta' livell internazzjonali lill-isportivi tagħna?

02/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li SportMalta tkompli timpenja ruħha sabiex tappoġġja u tiżviluppa l-isport akkwatiku permezz ta' investiment sostanzjali fl-infrastruttura sportiva, kif ukoll permezz ta' diversi skemi ta' għajnuna.
F'dan il-kuntest, SportMalta lestiet investiment fil-bini ta' faċilitajiet akkwatiċi ġodda f'Birżebbuġa, fil-Kottonera u f'San Pawl il-Baħar, filwaqt li qed tkompli wkoll bl-immodernizzar u t-titjib tal-Pixxina Nazzjonali f'Tal-Qroqq. Barra minn hekk, SportMalta tappoġġja l-organizzazzjoni u l-ospitar ta' avvenimenti sportivi internazzjonali f'Malta, fosthom kompetizzjonijiet ta' livell għoli bħall-Final Four Champions League u l-Kampjonati tad-Dinja. SportMalta tipprovdi wkoll assistenza finanzjarja lill-klabbs u lill-assoċjazzjonijiet sportivi permezz tal-Iskema ta' Parteċipazzjoni Internazzjonali u l-Iskema tal-Bed Nights, sabiex tgħinhom ikopru parti mill-ispejjeż relatati mal-parteċipazzjoni tagħhom f'kompetizzjonijiet internazzjonali u ninkoraġġixxu aktar kompetizzjonijiet isiru Malta.
Barra minn hekk, il-klabbs u l-assoċjazzjonijiet li jagħmlu użu mill-pixxini ta' SportMalta għat-taħriġ u għall-kompetizzjonijiet jibbenefikaw minn rati sussidjati, bħala parti mill-impenn kontinwu tal-Gvern biex isaħħaħ l-iżvilupp tal-isport akkwatiku u jkompli joħloq opportunitajiet aħjar għall-atleti Maltin.

Seduta Numru 7
06/07/2026

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET BIL-MIKTUB

### UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – KAROZZI – SPIŻA ANNWALI

**W3. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm ser tkun l-ispiża annwali ta' kull karozza (GM) fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru u jekk dawn huma mixtrija, jista' jgħid kemm kienu jiswew meta nxtraw?

22/06/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 27727 tal-Leġislatura XIV.

Seduta Numru 7
06/07/2026

### UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – DEFIBRILLATORS

**W15. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm hemm defibrillators fil-binja tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru?

22/06/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li fil-binjiet li huma parti mid-dekasteru tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru hemm 11-il defibrillator.

Seduta Numru 7
06/07/2026

### UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – DEFIBRILLATORS

**W16. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm hemm defibrillators fil-binja ta' kull entità li taqa' taħt l-Uffiċċju tal-Prim Ministru?

22/06/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li fil-binjiet tal-entitajiet fi ħdan id-dekasteru tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru hemm 32 defibrillator.

Seduta Numru 7
06/07/2026

### MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT – KAROZZI – SPIŻA ANNWALI

**W78. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tipprovdi l-ispiża annwali ta' kull karozza (GM) fil-ministeru tagħha u jekk dawn huma mixtrija, tista' tgħid kemm kienu jiswew meta nxtraw?

22/06/2026

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari W625 li ngħatat fis-Seduta 452 tal-XIV-il leġislatura.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT – RAPPORTI TA' FASTIDJU SESSWALI – SENA 2025**

**W80. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm rapporti ta' fastidju sesswali fil-ministeru tagħha fl-2025?

22/06/2026

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari W627 li ngħatat fis-Seduta 452 tal-XIV-il leġislatura.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT – RAPPORTI TA' FASTIDJU SESSWALI – SENA 2025**

**W81. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm rapporti ta' fastidju sesswali f'kull entità li taqa' taħt il-ministeru tagħha fl-2025?

22/06/2026

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari W628 li ngħatat fis-Seduta 452 tal-XIV-il leġislatura.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT – RAPPORTI TA' FASTIDJU SESSWALI – SENA 2024**

**W82. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm rapporti ta' fastidju sesswali fil-ministeru tagħha fl-2024?

22/06/2026

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari W629 li ngħatat fis-Seduta 452 tal-XIV-il leġislatura.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT – RAPPORTI TA' FASTIDJU SESSWALI – SENA 2024**

**W83. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm rapporti ta' fastidju sesswali f'kull entità li taqa' taħt il-ministeru tagħha fl-2024?

22/06/2026

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari W630 li ngħatat fis-Seduta 452 tal-XIV-il leġislatura.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT – FIRST AIDERS IĊĊERTIFIKATI**

**W88. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm first aiders iċċertifikati fil-ministeru tagħha bħalissa?

22/06/2026

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-Ministeru tiegħi hemm 21 first aiders iċċertifikati.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT – FIRST AIDERS IĊĊERTIFIKATI**

**W89. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm first aiders iċċertifikati f'kull entità li taqa' taħt il-ministeru tagħha bħalissa?

22/06/2026

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħi hemm total ta' 431 first aiders iċċertifikati.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT – DEFIBRILLATORS**

**W90. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm defibrillators fil-binja tal-ministeru tagħha?

22/06/2026

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari W637 li ngħatat fis-Seduta 452 tal-XIV-il leġislatura.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT – DEFIBRILLATORS**

**W91. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm defibrillators fil-binja ta' kull entità li taqa' taħt il-ministeru tagħha?

22/06/2026

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari W638 li ngħatat fis-Seduta 452 tal-XIV-il leġislatura.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT – HEALTH AND SAFETY OFFICERS**

**W92. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx health and safety officer fil-ministeru tagħha u jekk le, għaliex?

22/06/2026

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari 33591 li ngħatat fis-Seduta 433 tal-XIV-il leġislatura

Seduta Numru 7
06/07/2026

**MINISTERU GĦALL-MOBBILTÀ SOSTENIBBLI – FIRST AIDERS IĊĊERTIFIKATI**

**W193. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm first aiders iċċertifikati fil-ministeru tiegħu bħalissa?

22/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninsab infurmat illi fil-preżent hemm ħames first aiders ċċertifikati fil-Ministeru għall-Mobbiltà Sostenibbli u d-dipartimenti li jaqgħu taħtu.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**MINISTERU GĦALL-INTERN U S-SIGURTÀ – FIRST AIDERS IĊĊERTIFIKATI**

**W253. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm first aiders iċċertifikati fil-ministeru tiegħu bħalissa?

22/06/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Ninsab infurmat li fil-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà (eskluż l-entitajiet) hemm tmien (8) First Aiders iċċertifikati.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**MINISTERU GĦALL-INTERN U S-SIGURTÀ – FIRST AIDERS IĊĊERTIFIKATI**

**W254. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm first aiders iċċertifikati f'kull entità li taqa' taħt il-ministeru tiegħu bħalissa?

22/06/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Ninsab infurmat illi fil-preżent hemm 2,783 First Aiders ċċertifikati fid-Dipartimenti, Aġenziji u Entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà.

Seduta Numru 7
06/07/2026

**MINISTERU GĦALL-INTERN U S-SIGURTÀ – DEFIBRILLATORS**

**W256. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm defibrillators fil-binja ta' kull entità li taqa' taħt il-ministeru tiegħu?

22/06/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi hemm 128 defibrillators fil-binjiet tad-Dipartimenti, Aġenziji u Entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà.

Seduta Numru 7
06/07/2026